# ID-DAWL

APRIL 2018

NUMRU 4



## “Alla jsejjaħ għal dar is-sliem”

Il-Ġid Komuni | Il-Falzità Teqred | Ħniena għall-Umanità | Simpożju tal-Paċi 2018

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

**Editorjal**

# PAĊI: IL-ĠID KOMUNI

Il-paci, it-trankwillità u s-serenità huma frott sabiħ li kulħadd jixtieq igawdihom bl-aqwa mod fil-ħajja. Il-paċi ma tiġix stabbilita waħedha, imma wieħed għandu jaħdem għaliha.

Il-mexxej tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana jenfasizza l-importanza tal-paċi u jħeġġeġ li kulħadd jagħti sehemu biex il-paċi tiġi stabbilita f'kull rokna tad-dinja. Huwa jgħid:

"Jiena nħeġġiġkom, li minkejja l-fidi, it-twemmin, ir-razza u n-nazzjonalità tagħkom, għandkom toħolqu fil-lokalitajiet tagħkom, atmosfera ta' paċi u tgħinu lill-umanità sofferenti. Jekk ma naġixxux malajr, mhu se jkun hemm xejn li jwaqqaf il-qerda li l-bniedem riesaq lejha b'pass mgħaġġel. Din il-qerda se tkun ħafna agħar minn dik li nħolqot mit-Tieni Gwerra Dinjija." (i)

Naħseb, dan huwa dmir ta' kull wieħed u kull waħda minna li nagħtu sehemna għall-ġid komuni u naħdmu id f'id għall-paċi u s-sigurtà għal kulħadd; u nkunu fost dawk li jġibu l-paċi, kif qal Ġesù, **'henjin dawk li jġibu l-paċi'**.


## ID-DAWL

April 2018 – Numru 4 – Pubblikazzjoni ta'

**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**

**Tel:** 27 342 401| **Mob:** 79 320 139

**Email:** amjmalta@gmail.com

**www.ahmadiyya.mt**

Jekk tridu tirċievu kopja elettronika fil-futur ta' **ID-DAWL**, iktbulna: **amjmalta@gmail.com**
Jew aqraw **ID-DAWL** onlajn fuq: **www.ahmadiyya.mt/id-dawl**

Il-Qoxra: Nongningstudio | shutterstock | (i) The ROR November 2003, p.6

## PAĊI U SLIEM

**"U Alla jsejjaħ għal dar is-sliem, u lil min irid imexxi fit-triq is-sewwa."**

**"Bih Alla jmexxi lejn it-toroq tas-sliem lil dawk li jħabirku biex jogħġbu lilu, u bir-rieda Tiegħu joħroġhom mid-dlamijiet lejn id-dawl u jmexxihom lejn it-triq it-tajba."**

**"U l-qaddejja ta' Alla l-Ħanin huma dawk li jimxu fuq l-art b'mod dinjituż, u meta l-injoranti jindirizzawhom, huma jgħidu, 'Sliem!'"**

(Il-Koran Imqaddes: 10:26; 5:17; 25:64)

## IL-FALZITÀ TEQRED

Darba, kien hemm tfajjel li kien jieħu n-nagħaġ tiegħu fuq il-muntanja biex jirgħu. Waqt li n-nagħaġ ikunu qed jirgħu, huwa kien jiddejjaq.

Darba waħda ħaseb li jkun hemm ftit eċitament kieku jgħajjat li hemm lupu. Allura beda jgħajjat, "Lupu! Lupu!"

Meta n-nies fil-wied semgħu l-għajjat tat-tifel qabdu għodda differenti tal-irziezet u telgħu l-muntanja biex isalvawh. Meta waslu ma raw l-ebda lupu. It-tifel beda jidħak u qalilhom li din kollha kienet ċajta.

Il-bdiewa ddispjaċihom ta' dan. Qalulu biex ma jerġax jagħmel hekk u telqu lura fuq ħidmithom.

L-għada, it-tifel ħaseb kemm kien ħa pjaċir il-ġurnata ta' qabel meta beda jgħajjat bil-lupu, għalhekk għal darba oħra beda jgħajjat, "Lupu! Lupu!"

In-nies reġgħu ġew u ma raw xejn.

Fit-tielet jum, waqt li t-tifel kien qed iħares in-nagħaġ, tfaċċa lupu ta' vera! Huwa beda jgħajjat b'leħen għoli "Lupu! Lupu!" iżda ħadd ma ġie u l-lupu kiel il-merħla kollha.

Huwa vera li, "Il-verità ssalva, il-falzità teqred."

# IL-KOMUNITÀ AHMADIYYA MUSULMANA

Il-Komunità Ahmadiyya fl-Iżlam hi organizzazzjoni reliġjuża, b'fergħat f'aktar minn 210 pajjiż. Hi l-aktar denominazzjoni dinamika fl-Iżlam fl-istorja moderna.

Ġiet imwaqqfa minn Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad (1835-1908) fl-1889 ġewwa raħal żgħir remot jismu Kadjan fil-Punġab, l-Indja. Hu afferma li hu r-riformatur mistenni tal-aħħar żminijiet u dak li hu mistenni li jiġi mill-komunità dinjija tar-reliġjonijiet (il-*Maħdi* u l-Messija tal-aħħar ġranet).

Hu ma ġabx leġislazzjoni ġdida, imma ppreżenta l-Iżlam skont il-Koran Imqaddes u kif il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, ipprattikah mingħajr ebda alterazzjonijiet li kienu saru matul iż-żminijiet. Spejga li l-Iżlam huwa r-reliġjon tal-paċi u l-imħabba.

## IMĦABBA GĦAL KULĦADD
## MIBEGĦDA GĦAL ĦADD

Il-Messija Mwiegħed kiteb aktar minn 84 ktieb, li huma mimlija b'għerf divin, spiritwali u t-tagħlim morali. Hu wkoll għamel ħafna taħditiet fuq aspetti differenti. Il-Messija Mwiegħed, il-paċi tkun miegħu, miet fis-26 ta' Mejju tal-1908. Wara li ħalla din id-dinja fl-1908, l-istituzzjoni ta' Kalifat reġgħet ġiet stabbilita taħt gwida Divina.

Il-Kalifat hija sistema ta' tmexxija spiritwali fl-Iżlam hekk kif inhi mfissra fil-Koran Imqaddes. Hija mezz kif tgħaqqad lill-Musulmani fi grupp wieħed b'saħħtu taħt mexxej spiritwali wieħed.

Il-Kalif huwa maħtur għal għomru u llum il-Komunità Ahmadiyya Musulmana titmexxa mill-Qdusija Tiegħu, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, li ġie elett f'din il-kariga rispettabbli f'April tal-2003. It-titlu uffiċjali tiegħu huwa Khalifatul-Masih V (Il-Ħames Kalif tal-Messija Mwiegħed[as]).

# IL-MISSJONI TAL-MESSIJA MWIEGĦED[AS]

"Il-missjoni, li għaliha nħtart, tobbligani biex nelimina dik id-distanza dejjem tikber fir-relazzjoni ta' bejn Alla u l-ħolqien Tiegħu u nibdilha għal darba oħra f'relazzjoni ta' mħabba u sinċerità; u billi nħalli l-verità toħroġ fid-dieher, inġiegħel lill-gwerer reliġjużi u n-nuqqas ta' qbil biex jintemmu u b'hekk inkun qed nibni s-sisien tal-paċi; u nikxef veritajiet reliġjużi li nħbew minn għajnejn id-dinja; u nkun xempju ta' dik l-ispiritwalità li ndifnet taħt id-dlamijiet tal-pjaċiri tal-bniedem; u bil-kundizzjoni tiegħi aktar milli bil-kelma ħierġa mill-fomm, se ngħid u se nfisser is-setgħat ta' Alla li jidħlu fil-bniedem u jerġgħu joħorġu bis-saħħa tal-meditazzjoni u t-talb."[(i)]



*Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad Il-Maħdi u l-Messija Mwiegħed[as]*

## ĦNIENA GĦALL-UMANITÀ

**"Il-prinċipju li aħna nżommu hu li aħna jkollna ħniena f'qalbna għall-umanità kollha. Jekk xi ħadd jara d-dar tal-ġar tiegħu Ħindu taqbad u ma jersaqx biex jgħin jintefa n-nar, jien bis-sewwa kollha niddikjara li hu mhux tiegħi. Jekk xi ħadd mis-segwaċi tiegħi, li jara lil xi ħadd jipprova joqtol xi Nisrani u ma jagħmilx sforz biex isalvah, jien niddikjara bil-verità kollha li mhux magħna."[(ii)]**

**"Jien nipproklama lill-Musulmani, u l-Insara, u l-Ħindu, u l-Arjani kollha, li jien m'għandi l-ebda għadu fid-dinja. Jien inħobb l-umanità bl-imħabba ta' omm ħanina li għandha għal uliedha; anzi, aktar minn hekk. Jien biss l-għadu ta' duttrini foloz li joqtlu l-verità. Is-sentiment ta' mogħdrija hu d-dmir tiegħi. Il-prinċipju tiegħi hu li nwarrab il-qerq. Jien nirriġetta l-paganiżmu, il-ħażen, l-imġiba ħażina, l-inġustizzja u l-immoralità."[(iii)]**

(i) Ruħani Khażain, v.20, p.180 (ii) Ruħani Khażain, v.12, p.28 (iii) Ruħani Khażain, v.17, p.344

# SIMPOŻJU ANNWALI TAL-PAĊI 2018
## Sforz magħmul flimkien għall-paċi dejjiema u l-bini ta' pontijiet

Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana f'Malta organizzat l-10 Simpożju Annwali tal-Paċi 2018 bit-tema **L-Isfidi tas-Seklu 21, Edukazzjoni u Paċi** fil-Lukanda Waterfront, Tas-Sliema, il-Ġimgħa 16 ta' Marzu 2018.



L-attività kienet immexxija mill-ġurnalist magħruf Malti, **IS-SUR JOE DIMECH**. Is-serata bdiet bit-talb mill-Koran Imqaddes. Erba' kelliema ppreżentaw id-diskorsi tagħhom u wara wieġbu wkoll għal mistoqsijiet mill-udjenza. Il-Konferenza kellha attendenza numeruża min-nies ġejjin minn kull sfera.



### IS-SUR AARON ABDILLA
*F'isem l-Onorevoli Ministru tal-Edukazzjoni u Xogħol*

"Hemm bżonn imminenti biex insibu lingwa komuni bejn is-sekulari u r-reliġjuż. Dan huwa possibbli biss jekk irressqu l-viżjonijiet tagħhom qrib xulxin u nitgħallmu nitħaddtu flimkien aktar milli nitkellmu dwar xulxin."



### IS-SUR JUSTIN SCHEMBRI
*F'isem l-Oppożizzjoni*

"L-edukazzjoni hija l-mezz biex taffronta dawn il-kwistjonijiet. L-edukazzjoni twassal għall-iżvilupp uman, twassal għall-paċi. Huwa ppruvat li l-edukazzjoni, speċjalment meta tkun abbinata mat-taħriġ tekniku, twassal biex tnaqqas il-faqar. Bl-edukazzjoni naslu għall-għarfien, għas-setgħa, għas-sigurtà, u bla dubju għall-paċi."




### IR-REV. JOHN ANTHONY BERRY
*Lekċerer fil-Fakultà tat-Teoloġija*

"Il-Fidi għandha rwol importanti fis-soċjetà u huwa d-dmir tagħna li nsaħħu l-isforzi tagħna biex naħdmu għall-paċi ħalli jkun hawn dinja aħjar. Il-paċi hija rigal mingħand Alla u frott tal-isforzi umani. Ma jkun hemm l-ebda paċi mingħajr ġustizzja u ugwaljanza għal kulħadd."



## IMAM LAIQ AHMED ATIF

*President tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana*

"L-edukazzjoni hija ċ-ċavetta għas-sliem dejjiemi u effettiv. Alla għallimna talba fil-Koran Imqaddes: 'Mulejja, żidli l-għarfien tiegħi (20:115).' Biex tiġi stabbilita l-paċi hemm bżonn ta' ugwaljanza, ġustizzja, armonija bejn ir-razez u libertà reliġjuża għall-bnedmin kollha. Il-Koran Imqaddes jgħid: 'M'għandu jkun hemm l-ebda sfurzar fir-reliġjon (2:257).' Prinċipju ieħor għall-paċi fid-dinja huwa biex ma tħarisx bir-regħba lejn l-għana ta' ħaddieħor. Aktar minn hekk, biex isaltan is-sliem, l-Iżlam jagħti importanza kbira lill-irġulija, li wieħed iżomm kelmtu, u li wieħed jistqarr il-verità.



Illum id-dinja hija mifnija bil-periklu u l-inkwiet. Ninsabu f'qagħda mwiegħra ħafna. Biex ikollna ġejjieni mimli risq u armonija għall-pjaneta tal-għaġeb tagħna, hemm bżonn urġenti li jitnaqqsu b'mod drastiku l-armamenti kollha, speċjalment dawk nukleari, mill-pajjiżi kollha tad-dinja. U minflok ma niżirgħu ż-żerriegħa tal-mibegħda, tal-ħażen u tar-rivalità, għandna bżonn niżirgħu ż-żerriegħa tal-imħabba, tal-armonija u tal-fraternità. Minflok ma nibnu aktar ħitan, irridu nħabirku biex nibnu l-pontijiet bejn il-popli u n-nazzjonijiet. Aktar minn hekk, minflok ma ngħixu b'sens ta' kburija, arroganza u egoiżmu, jeħtieġ li nuru għożża u mogħdrija bla interessi lill-bnedmin kollha ħalli tiġi stabbilita l-paċi u tkun apprezzata mill-umanità kollha." Tista' ssegwi d-diskorsi kollha tas-simpożju fuq: **www.youtube.com/user/AhmadiyyaMalta**



# IL-MARA BĦALA BINT

Qabel l-Iżlam, f'xi tribujiet Għarab, il-bniet kienu jindifnu ħajja sempliċiment għax kienu kkonsidrati bħala saħta għall-familja. Din il-prattika tal-qtil tal-bniet appena jitwieldu minħabba l-biża' tal-umiljazzjoni ġiet skartata kompletament mill-Iżlam. Il-Koran Imqaddes jgħid:

> **"U meta t-tifla midfuna ħajja tkun mistoqsija, 'Għal liema dnub inqatlet?'"** (81:9-10)

L-Iżlam jgħallem li missier irid irabbi lill-bniet tiegħu bl-istess mod li jrabbi lil uliedu subien. Intant, min irabbi sew lil bintu jkun qed jiftaħ il-bibien tal-ġenna. Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] qal:

> **"Dak li jrabbi lil uliedu l-bniet bi mħabba jidher f'jum il-Ġudizzju mwaħħad miegħi bħal żewġt iswaba' ta' id."**[1]

> **"Dak li għandu tifla u la jidfinha ħajja u lanqas jumiljaha, u lanqas ma jagħti prijorità lil ibnu fuqha, Alla jagħtih il-Ġenna."**[2]

> **"Raġel li għandu żewġt ibniet u jtellagħhom u jedukahom mill-aħjar li jista' u jżewwiġhom għandu dritt għall-ġenna." (Meta sema' dan) wieħed staqsa: "O Profeta ta' Alla, x'jiġri jekk ikollu tifla waħda?" Hu wieġeb, "U (anki) waħda."**[3]

Għaldaqstant huwa ċar li l-Iżlam għolla l-istat tat-tifla minn dak ta' waħda mistkerrha u mhux aċċettata għal dak ta' waħda maħbuba u mimlija bl-għożża.

*(1) Muslim, Kitab-ul-Bir Was-silah, Hadith* 4751; (2) *Musnad Aħmad*, v.1, p.223; (3) Al-Moġam al-Ausat

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**